MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2012

Appell Kriminali Numru. 242/2011

**Il-Pulizija**

**v.**

**Jesmond Gatt**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Jesmond Gatt talli matul il-lejl ta' bejn it-2 ta' Marzu 1998 u t-3 ta' Marzu 1998 ghall-habta tas-2.00 ta' fil-ghodu, waqt li kien fi Triq San Gorg, Hal-Qormi, bil-hsieb li jikkommetti serq ta' oggetti ghad-detriment ta' George Aquilina minn Hal-Qormi, aggravat bil-hin, mezz, u valur li jiskorri l-elf lira Maltin (Lm1,000.00), wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta` tieghu.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, minbarra li tinfligi l-piena stabbilita skond il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez peritali ai termini ta' l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-17 ta' Mejju 2011 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 41(1)(a), 261(b)(c)(f), 263, 267, 270, 278, u 279 tal-Kodici Kriminali, fuq ammissjoni, sabet lill-imsemmi Jesmond Gatt hati ta' l-imputazzjoni u kkundannatu ghall-piena karcerarja effettiva ta' sena u nofs. Kwantu ghall-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, peress illi l-ispejjez inkorsi fl-inkjesta ma gewx stabbiliti fl-istess atti u ma setghux jigu kwantifikati, l-istess Jesmond Gatt gie lliberat mill-effett ta' l-istess artikolu;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' Jesmond Gattipprezentat fis-27 ta' Mejju 2011 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata fid-dawl tad-difett proceduralі, tiddikjaraha ghalhekk nulla u bla effett, u tirrimetti l-atti lura sabiex ma jkunx privat mill-beneficcju tad-doppio esame; alternattivament ghar-ragunijiet suesposti, tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena u timponi piena aktar ekwa u gusta ghall-kaz odjern;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawza; rat il-fedina penali aggornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semghet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta' l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) li l-proceduri huma nulli peress illi l-interrogatorju ta' l-appellant (allura imputat) datat 10 ta' Mejju 2000 a fol. 10A mhux iffirmat mill-Magistrat sedenti, u dan fil-mument meta nghatat is-sentenza; (2) sussidjarjament u minghajr pregudizzju, li l-piena nflitta kienet wahda eccessiva.

**6.** Kwantu ghall-ewwel aggravju, dan ma jistax jigi milqugh peress illi effettivament l-interrogatorju a fol. 10A jinsab iffirmat mill-Magistrat. Apparti dan, pero`, mill-atti jirrizulta interrogatorju iehor a fol. 4 li wkoll jinsab iffirmat mill-Magistrat. Jigifieri anke kieku stess l-interrogatorju a fol.

10A ma kienx iffirmat, dan l-interrogatorju huwa superfluwu. Mill-verbal ta’ l-10 ta’ Mejju 2000 jirrizulta illi l-prosekuzzjoni talbet li jinbidel l-indirizz fic-citazzjoni, il-Qorti laqghet it-talba u l-appellant ta ruhu b’notifikat bic-citazzjoni kif korretta. Dan certament ma kienx mehtieg ghax l-indirizz ta’ persuna huwa xi haga varjabbli li ma jiffurmax parti mill-akkuza u li ghalhekk jekk jinbidel ma jkunx mehtieg li ssir korrezzjoni. Konsegwentement zgur li ma kellux ghalfejn jerga’ jsir interrogatorju. Barra minn hekk fl-istess interrogatorju a fol. 4 jirrizulta li l-appellant ta zewg indirizzi, kemm dak li kien dattilografat fic-citazzjoni kif ukoll dak mibdul. Ghaldaqstant l-ewwel aggravju huwa michud.

**7.** Kwantu ghat-tieni aggravju, l-appellant jaghmel numru ta’ sottomissjonijiet. Jghid l-ewwelnett li sid is-Sosi Bar ma ssubixxa ebda danni fuq il-proprjeta` tieghu, jew almenu dawn ma gewx ikkwantifikati; fil-fatt ma giex akkuzat li kkaguna hsara volontarja. Imbaghad l-appellant jghid illi l-ewwel Qorti ma tatx l-importanza misthoqqha lill-aspett riformattiv tal-piena. Jghid illi llum huwa persuna totalment riformata u kellu jinghata cans iehor.

**8.** Sabiex din il-Qorti jkollh stampa ahjar ta’ l-appellant u anke sabiex jigi determinat jekk l-appellant kienx kandidat idoneju ghal servizz fil-komunita`, ordnat li jsir *pre-sentencing investigation report*. Effettivament dan sar mill-ufficjal tal-*probation* Matthew Fleri Soler li pprezenta r-rapport tieghu fit-30 ta’ Marzu 2012. Huwa kkonkluda hekk :

“ … jirrizulta li ghalkemm l-istil ta’ hajja ta’ l-ikkoncernat m’ghadhiex kaotika daqs kemm kienet fiz-zmien li fih sar ir-reat ikkoncernat ghad hemm indikazzjoni cara li l-akkuzat ghad ghandu problema akuta ta’ droga. Tul il-kitba tar-rapport l-imsemmi sostna li hu m’ghandux l-intenzjoni li jsegwi programm residenzjali. Il-hsieb tieghu hu biss li jzomm kuntatt mad-Detox.

“Madanakollu hemm kuntatt regolari mal-psikjatra Dr Anthony Dimech kif ukoll li skond it-tabib l-imsemmi qed jiehu l-kura mehtiega rigward is-sahha mentali tieghu.

"Mill-aspett ta' xoghol nghid li l-imsemmi qatt ma hadem tul hajtu u ma ghandu ebda hila partikolari….

"Dawn il-fatturi jindikaw li l-ikkoncernat ma jikkwalifikax sabiex ikun kandidat idoneju ghal sentenza ta' xoghol fil-komunita`. Barra minn hekk ghad hemm indikat livell ta' riskju konsiderevoli minhabba li l-problema tat-tehid ta' droga, li ilha ezistenti ghal dawn l-ahhar 27 sena, ma jidhirx li se tissolva, l-anqas b'element qawwi ta' supervizjoni. Fil-fatt, f'kaz li l-Qorti tikkonsidra tapplika sanzjoni bbazata fil-komunita` b'element ta' supervizjoni, l-unika xoghol li jista' jsir ma' Jesmond Gatt huwa dak ta' *harm reduction*."

**9.** Is-sitwazzjoni mela hija differenti minn kif moghtija fir-rikors ta' appell. Filwaqt illi huwa pozittiv illi l-appellant qieghed izomm kuntatt mal-psikjatra tieghu u qieghed jiehu l-kura mehtiega minhabba li jbati minn skizofrenija, huwa preokkupanti l-fatt illi ghal tant snin il-problema ta' l-abbuz tad-droga ghadha hemm, tant illi *urine test* li sarlu fis-27 ta' Marzu 2012 fl-ufficcju tal-*Probation* u *Parole* rrizultalu pozittiv ghall-eroina. Fil-mori ta' dan l-appell, l-appellant gie rikoverat ghal xi zmien l-Isptar Monte Carmeli, izda kien johrog minn hemm bil-*leave*. Wara li semghet ix-xiehda ta' Lydia Borg, oht l-appellanti, dwar l-andament ta' l-appellant, awtorizzat lill-ufficjal tal-*probation* Matthew Fleri Soler jiehu *urine samples* ta' l-appellant fuq bazi regolari. Fis-seduta tal-31 ta' Ottubru 2012 Matthew Fleri Soler xehed illi huwa ta disa' appuntamenti lill-appellant li minnhom seta' jzomm hamsa peress illi ghall-ohrajn kien jinsab fl-Isptar Monte Carmeli, izda li minn dawn il-hamsa attenda biss tnejn. F'dawn it-tnejn, li kienu fl-14 ta' Gunju 2012 u fil-21 ta' Awissu 2012, saru zewg testijiet ta' l-urina u t-tnejn irrizultaw pozittivi ghall-eroina izda negattivi ghall-cannabis u ghall-kokaina. Dan kollu juri li l-appellant m'ghandux motivazzjoni serja sabiex isolvi l-problema tad-droga u li meta jkun barra mill-Isptar ghadu jfittex l-eroina. Kieku din il-Qorti kellha taccetta li taghti lill-appellant sanzjoni bbazata fil-komunita` sabiex isir mieghu xoghol ta' *harm reduction*, kienet tkun qed taghti l-*bene placitu* taghha biex f'xi

okkazjonijiet huwa jikser il-ligi. Dan ovvjament ma tistax taghmlu. Konsegwentement ma tithalla l-ebda triq ohra hlief li tikkonferma s-sentenza appellata.

**10.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. **Pero` tattira l-attenzjoni tad-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin li minhabba l-kondizzjoni li jbati minnha l-appellant, huwa ghandu jibqa' kostantement taht il-kura tal-psikjatra Dr. Anthony Dimech. Inoltre minhabba l-problema ta' abbuz tad-droga ghandu jinghata l-ghajnuna sabiex jaghmel programm ta' rijabilitazzjoni.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------